Moviment
Patrijotti Maltin

# STATUT

# MOVIMENT PATRIJOTTI MALTIN

## Table of Contents

KAP I ..... 3
ISEM TAL-PARTIT ..... 3
KAP II ..... 3
GĦANIJIET U PRINĊIPJI ..... 3
KAP III ..... 4
SĦUBIJA ..... 4
DRITTIJIET U DMIRIJIET TA' MEMBRI MSEĦBIN ..... 4
SANZJONIJIET U ESKLUŻJONI TA' MEMBRI ..... 5
KANĊELLAZZJONI TA' SĦUBIJA ..... 6
KAP IV ..... 7
KOSTITUZZJONI TAL-PARTIT ..... 7
KAP V ..... 7
KONFERENZA ĠENERALI ..... 7
KAP VI ..... 9
EŻEKUTTIV NAZZJONALI ..... 9
KAP VII ..... 11
MEXXEJ, DEPUTAT MEXXEJ U AMMINISTRATUR FINANZJARJU ..... 11
KAP VIII ..... 11
AMMINISTRAZZJONI TAL-PARTIT ..... 11
KAP IX ..... 13
GRUPP KANDITATI, KUNSILLIERA U PARLAMENTARI ..... 13
KAP X ..... 14
REGOLAMENTI GĦAL WAQT IL-VOTAZZJONI: ..... 14
Il-Mexxej, Deputat Mexxej u Amministratur Finanzjarju ..... 14
Il-President u s-Segretarju Ġenerali ..... 15
KAP XI ..... 16
KODIĊI TA' ETIKA U DIXXIPLINA ..... 16
KAP XII ..... 16
XOLJIMENT TAL-PARTIT ..... 16
KAP XIII ..... 17
ĠENERALI ..... 17

# KAP I

## *ISEM TAL-PARTIT*

1. L-isem uffiċjali ta' dan il-partit politiku għandu jkun - **Moviment Patrijotti Maltin**.

2. L-emblema tal-Partit tikkonsisti f'disinn modern ta raġel qiegħed jiġri filwaqt li qed jżomm l-bandiera Maltija f'idu l-leminija kif muri fuq il-qoxra ta' dan l-istatut. Id-disinn tar-raġel jikkonsisti f'id il-leminja flimkien mar-riġel f'forma ta' vleġġa li ġġib il-lewn griż tipponta lejn id-direzzjoni ta' fejn qiegħed jiġri. Ir-ras tar-raġel u ir-riġel l-ieħor li hu merfuħ jġibu l-lewn aħmar. Mogħlija l-fuq f'idu tidher grafika tal-bandiera Maltija tperper mar-riħ bil-forma u ilwien originali tagħha.

   L-emblema tal-partit jista jkolla żewġ forom: dik sħiħa bl-emblema kif spjegata l-fuq u bil kelma"Moviment" bl-istess kulur griż, imbad il-kelmiet "Patrijotti Maltin" bil-kulur aħmar, it-tnejn ċċentrati taħt il-grafika; jew dik ridotta fejn l-emblema tidher weħida kif inhi.

3. Il-kulur uffiċjali tal-partit f'dak li għandu x'jaqsam mal-dokumenti tal-votazzjoni għandu jkun il-lewn oranġo u dan sabiex jiddistingwi l-moviment mill-partiti l-oħrajn.

# KAP II

## *GĦANIJIET U PRINĊIPJI*

1. Il-Moviment Patrijotti Maltin huwa il-fergħa politika tal-Għaqda Patrijotti Maltin u għaldaqstant għandu rabta speċjali ma din l-għaqda kif spjegat aktar l-isfel.
2. Il-Moviment Patrijotti Maltin huwa organizzazzjoni politika li tiġbor fiha persuni bi ħsieb progressiv, imsejjes fuq prinċipji demokratiċi, li jaħdem għal soċjeta` inklussiva li tipprovdi xogħol għal kulħadd, isseħħ il-ġustizzja soċjali u li s-saħħa tal istess soċjeta`, titkejjel mill-progress ta' dawk l-iktar dgħajfa fost il-membri tagħha.
3. Il-Moviment Patrijotti Maltin jemmen u jesiġi li fil waqt li għandu jinżamm rispett sħiħ tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem kif minquxa fil-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u li kull individwu u s-soċjeta` jkollhom l-opportunitajiet indaqs u meħtiega fl-oqsma tax-xogħol u tal-edukazzjoni biex jirnexxu u jagħmlu suċċess, dan ma għandu qatt jkun ta' skapitu jew ta' detriment la għaċ-Ċittadin Malti u lanqas għad-detriment tal-kultura, patrimonju, lsien, użanzi, twemmin u tradizzjonijiet Maltin u ta' dak kollu li jagħti lill-gżiritna u l-popli tagħna l-identita Maltija.
4. Il-Moviment Patrijotti Maltin jemmen fil-ħtiega ta' ekonomija b'saħħitha li ssostni l-istat soċjali bil-għan li titwettaq il-ġustizzja soċjali u jemmen li tali ġustizzja għandha dejjem tħares l-ewwel lejn iċ-Ċittadini Malti u lejn ulied dawn il-Gżejjer.
5. Il-Moviment Patrijotti Maltin jemmen fi sħubija u trattati ma' Ewropa Maquda sakemm tali sħubija jew trattati jkun ta' vantaġġ għall-poplu Malti u ma jkunux ta theddida għall identita, sigurta u livell ta' għixien għall-istess poplu Malti.

6. Il-Moviment Patrijotti Maltin jemmen li għandu jaħdem għall-paċi, stabbilita` u kooperazzjoni fir-reġjun tal-Mediterran u jemmen fil-ħidma bejn il-popli biex ikun hemm avvanz tal-popli kollha madwar id-dinja.
7. Il-Moviment Patrijotti Maltin jemmen bi sħiħ fil-ħtiega tal-ħarsien tal-ambjent, tal-kultura u tal-patrimonju nazzjonali bħala mezzi għall-kwalita` ta' ħajja aħjar u b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-ġenerazzjonijiet futuri.

# KAP III

## *SĦUBIJA*

1. Is-sħubija fil-Moviment Patrijotti Maltin hija miftuħa għal kull persuna li għalqet l-età ta' sittax-il sena (16), mingħajr distinzjoni ta' sess, orjentament sesswali tagħha, twemmin reliġjuż, jew razza, u li taċċetta l-għanijiet u l-prinċipji tiegħu sakemm it-tali persuna għanda ċittadinanza u/jew residenza legali Maltija, u tinsab f'pajjiżna. Persuna msieħba fil-Moviment Patrijotti Maltin ma tistax tkun f'xi partit, għaqda jew organizazzjoni politika, kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta, li tħaddan prinċipji differenti minn dawk tal-Partit.
2. Il-ħlas għas-sħubija fil-Partit ikun jgħodd ukoll għas-sħubija awtomatika fil-fergħa/ fergħat relattiva/relattivi tal-Partit li jikkwalifika għaliha l-membru kkonċernat.
3. L-ammont tal-ħlas tas-sħubija jiġi deċiż minn żmien għal żmien mill-Eżekuttiv Nazzjonali.
4. L-Eżekuttiv Nazzjonali jista' jniedi skemi ta' sħubija.
5. Is-sħubija fil-Moviment Patrijotti Maltin tinħadem fuq bażi ta' sena finanzjarja li tibda mill-1 ta' Frar sa l-aħħar ta' Jannar tas-sena segwenti.
6. Applikazzjoni għas-sħubija fil-Partit għandha ssir fuq formola preskritta mill-Partit minn żmien għal żmien.
7. L-applikazzjoni preskritta mill-Partit, għandha tkun fiha nnifisha dikjarazzjoni li l-applikant iħaddan it-twemmin tal-Moviment Patrijotti Maltin kif imfisser fit-Tieni Kapitolu ta' dan l-Istatut.
8. Kull applikazzjoni tista' tiġi aċċettata jew miċħuda mill-Amministrazzjoni tal-Partit jew minn kummissjoni maħtura mill-Amministrazzjoni. L-Amministrazzjoni għandha tagħmel dak l-istħarriġ meħtieġ biex tara jekk l-applikazzjoni għandhiex tiġi aċċettata jew rifjutata.
9. Kull membru mħallas tal-Partit għandu d-dritt jikkontesta għal kull kariga fil-Partit u jeżerċita kull dritt li jagħtih dan l-istatut suġġett għal dak kollu provdut fih.
10. Kull membru tal-Partit huwa suġġett għall-Kodiċi ta' Etika li jkun fis-seħħ minn żmien għal żmien.
11. Kull membru li jagħlaq sittax-il sena, iżda ma jkollux aktar minn ħamsa u tletin sena, ikun membru tal-Għaqda Żgħażagħ Patrijotti.

## *DRITTIJIET U DMIRIJIET TA' MEMBRI MSEĦBIN*

1. Għal finijiet ta' din is-sezzjoni, Membru jitqies bħala Membru attwali tal-Moviment b'tessera mħallsa jew valida fil-perjodu kkonċernat.
2. Kull Membru għandu d-dritt li jsemma leħnu fuq xi kwistjoni jew b'xi suġġeriment jew rakomandazzjoni billi jagħmel użu mill-organi tal-partit għad dispozzizjoni tiegħu.

3. Kull Membru għandu d-dritt li jitlob laqa ma kwalunkwe kariga fi ħdan il-Partit billi jikteb lis-Segretarju Generali fejn irid jindika lill min irid jkellem u jindika l-għan tiegħu. Is-Segretarju jista jikkuntattja it-tali Membru sabiex jiċċara l-għan tiegħu u wara jista jazgħel li jirrikmanda persuna jew kariga diversa jekk jidhirlu li jkun aħjar għal kwistjoni tal-Membru jew jekk il-persuna jew kariga mitluba ma jkunux disponibli. Fi kwalunkwe każ, il-Membru jrid jiġi avżat u aġġornat fuq il-proċediment tat-talb tiegħu.
4. Kull Membru għandu d-dritt li jipprezenta ruħu għal kwalunkwe rwol fi ħdan il-Partit sakemm dan it-tali rwol jkun disponibli u sakemm it-tali Membru jkun eleġibli għal l-istess rwol skond kif indikat f'dan l-istatut u ma' jkollu l-ebda konflitt ta' interess jekk jinħatar f'tali rwol.
5. Kull Membru għandu d-dritt li jjsemma leħnu jew li jippartecipa fid-diskussjoni, formulazzjoni jew implementazzjoni ta' *policies* tal-Moviment fi kwalunkwe laqa tal-Partit miftuħa għall-Membri fil-livell tiegħu dejjem fil-ħin allokat għal tali interventi u dejjem skont d-diskrezzjoni tas-Segretarju jew Chairpairson ta' dik il-laqa.
6. Kull Membru għandu d-dmir li jżomm ruħu aġġornat dwar dikjarazzjonijiet, attivitajiet u jew linji gwida li l-partit jista joħroġ minn zmien għal zmien.
7. Kull Membru għandu d-dmir li jimxi u jżomm mat-twemmin bażiku tal-Moviment filwaqt li jirrispetta ir-regoli ta' l-istess Moviment kif ukoll il-ligijiet tal-pajjiż.

## *SANZJONIJIET U ESKLUŻJONI TA' MEMBRI*

1. Filwaqt li l-Moviment Patrijotti Maltin jilqa fi ħdanu nies ta' twemmin, ideali, u jew idejoloġiji politiċi diversi, il-Partit jesiġi li waqt li kull membru għandu d-dritt li jesprimi nuqqas ta' qbil fuq xi ħaġa, għandu dejjem jirrispetta l-istrutturi tal-partit, il-proċess demokratiku fi ħdan il-partit u l-organi tiegħu.
2. Għaldaqstant barra li membru irid iġib ruħu b'mod etiku u responsabbli, il-Partit jista jieħu passi kontra xi membru skont il-proċedura spjegata aktar l-isfel (Sezzjoni X - Kodiċi ta' Etika u Dixxiplina) speċjalment jekk l-aġir tat-tali membru:
    a. jmur kontra l-prinċipji bażiċi tal-Moviment;
    b. jikser l-gwidi ta' etika u dixxiplina skont kif stabbiliti mill-partit;
    c. jkun meqjus bħala wieħed ta' ħsara jew disprezz lejn membri oħra tal-partit;
    d. jkun meqjus bħala wieħed ta' ħsara jew disprezz lejn l-istess partit;
    e. jmur dirretament kontra deċiżjonijiet jew strateġiji tal-partit.

3. Fi kwalunkwe każ, skont id-diskrezzjoni tal-istess Bord ta' Etika u Dixxiplina, is-sanzjonijiet li jistgħu jittieħdu kontra membru huma waħda jew aktar minn dawn li ġejjien:
    a. Twissija verbali
    b. Twissija bil-miktub
    c. Azzjoni korretiva mitluba
    d. Sospenzjoni minn xi attivita, responsabilita, jew dritt għal perjodu (mhux aktar minn massimu ta' tlett xhur)
    e. Sospenzjoni minn xi kariga miżmuma fil-Partit
    f. Sospenzjoni mill-Partit għal perjodu (mhux aktar minn massimu ta' sentejn)
    g. Tkeċċija mill-Partit

4. F'każ ta' twissija verbali, din trid tingħata minn memru tal-Bord ta' Etika u Dixxiplina fil preżenza ta' membru tal-Amministrazzjoni tal-Partit.
5. Idejalment membru għandu jiġi mwissi verbalment qabel ma tinħariġlu twissija bil-miktub għalkemm il-Bord jista jiddeċiedi fuq il-mertu ta' kull każ.
6. Fejn tintalab xi azzjoni korretiva minn xi membru, dan għandu jingħata żmien suffiċjenti sabiex iwettaq l-ażżjoni mitluba, wara liema żmien jista jirrikorri għal sanzjonijiet oħra.
7. Jekk membru jiġi sospiż minn xi kariga għall kwalunkwe raġuni, dan ma jkunx jista jerġa joħroġ għal din l-istess kariga għal perjodu ta' mhux anqas minn sentejn.
8. Membru li jkun taħt sospensjoni mill-partit ma jkunx jista la jipprezenta ruħu għall ebda kariga, ma jkunx jista jinnomina jew jissekonda lill ħaddieħor, u ukoll jitlef d-dritt li jivvota f'kull organu jew attivita tal-partit waqt il-perjodu tat-tali sospensjoni.
9. Tkeċċija tista tintalab għal diversi raġunijiet fosthom wara diversi sospensjonijiet jew ksur repetut tar-regoli tal-partit.
10. Membru li għal xi raġuni jew oħra jitkeċċa mill-partit ma jistax jerġa jiġi kkunsidrat bħala membru mill-ġdid qabel mill-anqas perjodu ta' tlett snin mid-data tat-tali tkeċċija.
11. F'kaz li membru jinstab ħati u jingħata kundanna ta' pruġinerija fuq każi relatati ma pedofilija, qtil vjolenti jew tradiment lejn pajjiżna jiġi mkeċċi immedjatament u b'mod permanenti.

## KANĊELLAZZJONI TA' SĦUBIJA

1. Kull Membru msieħeb fil-Moviment jista jikkanċella s-sħubija tiegħu fi kwalunkwe mument skond il-proċedura msemmija hawn taħt.
2. Membru li jrid jikkanċella s-sħubija tiegħu għandu javża bil-miktub lis-Segretarju tal-Amministrazzjoni tal-Partit f'liema talba jrid jhemez:
    a. kopja tal-karta tal-identità minn quddiem u minn wara (jew dokument validu legali ieħor jekk dan ma jkunx possibli)
    b. L-aħħar tessera valida tal-Membru
3. Is-Segretarju tal-Amministrazzjoni minn naħa tiegħu, wara li jkun ikkonferma s-sħubija u vverifika l-identità tal-Membru kkonċernat għandu jikkanċella s-sħubija tiegħu b'effett immedjat.
4. F'kaz li l-istess Membru ikun ukoll memru ta' xi grupp, kumitat, jew sotto-kumitat tal-Moviment jew jżomm xi kariga fi ħdan il-Moviment, is-Segretarju tal-Amministrazzjoni jrid jara li dan il-Membru l-ewwell jirrezenja minn dawn qabel ma tista tigi meqjusa t-talba tiegħu. F'tali kaz, is-Segretarju jrid jara wkoll li tali Membru jirritorna kwalunkwe materjal, propjeta jew hwejjeġ oħra li jappartjenu lill-Partit qabel ma tiġi meqjusa t-talba tiegħu.
5. Kull Membru li jitlob tali kanċellazzjoni jista jintalab raġuni jekk dan ma jkunx inkludija fit-talba tiegħu iżda l-Membru kkonċernat mgħandux ikun la obbligat u lanqas ippressat li jagħti ebda raġuni.
6. F'kaz li jkun hemm xi diskussjonijiet u t-tali Membru jerġa jibdielu, dan għandu jerġa jikteb lis-Segretarju tal-Amministrazzjoni sabiex jirtira r-riżenja tiegħu. Biss jekk l-istess membru kien irrezenja ukoll minn xi kariga fil-partit, irtir ta' riżenja mill-partit mhux bilfors tiżgura li dan il-membru jżomm jew jerġa jingħata xi kariga li seta kellu.
7. Membru li jikanċella s-sħubija tiegħu ma jkollux dritt ta' refund għal kwalunkwe ammont imħallas kemm tat-Tessera jew ta' xi ħlas ieħor la tal-perjodu kurrenti u lanqas ta' dawk passati.

8. Persuna li fil-passat kienet Membru tal-Moviment u li talbet il-kanċellazzjoni tas-sħubija tagħha tista liberalment terġa titlob sħubija mill ġdid fil-Moviment mingħajr preġudizzju għal kanċellazzjoni passata, biss:
   a. is-sħubija passata ma tistax tiggarantixxi li talba ġdida tiġi bilfors milquha;
   b. li t-talba l-ġdida tiġi meqjusa skond l-istatut kurrenti ta' meta ssir;
   c. fi kwalunkwe każ, talba ġdida ma tistax issir qabel mill-anqas perjodu ta' tlett (3) xhur mid-data li kienet milquha l-aħħar riżenja.

# KAP IV

## *KOSTITUZZJONI TAL-PARTIT*

Il-Partit ikun magħmul hekk:

1. Il-Konferenza Ġenerali;
2. L-Eżekuttiv Nazzjonali;
3. Mexxej u Deputat Mexxej;
4. Amministrazzjoni tal-Partit;
5. Grupp Kanditati, Kunsilliera u Parlamentari;

# KAP V

## *KONFERENZA ĠENERALI*

1 Il-Konferenza Ġenerali hija l-ogħla organu tal-Partit.

2 Il-Konferenza Ġenerali tkun magħmula mid-delegati maħtura kif ġej:

2.1 Mexxej, Deputat Mexxej, Uffiċjali fl-Amministrazzjoni tal-Partit, Uffiċjali tal-Eżekuttiv u membri ordinarji fl-Eżekuttiv Nazzjonali;

2.2 Id-Delegati kolla tal-partit kif maħtura mill-organi tal-Partit hekk kif deskritt aktar l-isfel.

3 Il-Konferenza Ġenerali għandha tiltaqa' tal-inqas darba fis-sena sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Frar.

4 Il-Konferenza Ġenerali għandha tiltaqa' wkoll:

4.1 Fuq sejħa tal-Eżekuttiv Nazzjonali għal raġunijiet partikolari; jew

4.2 Fuq petizzjoni bil-miktub ta' 30%+ 1 tad-Delegati li titressaq lill-President tal-Partit; jew

4.3 Fuq talba tal-Mexxej tal-Partit; jew

4.4 Qabel kull Elezzjoni Ġenerali biex jiġi approvat il-progamm elettorali; jew

4.5 Għal kull għan ieħor li jipprovdi dan l-istatut.

4.6 Meta Konferenza Ġenerali tintalab b'petizzjoni kif provdut fl-Artiklu 4.2 ta' dan il-Kap, din għandha titlaqqa', għall-iskop indikat fil-petizzjoni, mhux aktar tard minn sittin (30) ġurnata mid-data li fih l-President tal-Partit jirċievi l-petizzjoni.

5 Il-kworum tal-Konferenza Ġenerali għandu jkun ta' 30%+1 minn numru tad-Delegati kollha tal-Konferenza.

5.1 Jekk il-kworum ma jintlaħaqx sa nofs siegħa wara l-ħin stabbilit, iċ-chairperson għandu jiddikjara l-Laqgħa Ġenerali sospiża sa avviż ieħor, li jrid jiġi ppubblikat mill-anqas jumejn qabel id-data tat-tieni laqgħa.

5.2 F'każ illi kworum ma jintlaħaqx fl-ewwel seduta, għandha ssir it-tieni laqgħa bl-istess Aġenda, sa żmien ġimgħa mill-ewwel laqgħa. F'dan il-każ, il-Konferenza Ġenerali titqies li tlaqqat validament u tipproċedi bix-xogħol tagħha jkunu xi jkun in-numru ta' tad-delegati preżenti.

6 Id-delegati għal konferenza ġenerali jkunu maħtura kif ġej:

6.1 Il-membri kollha tal-Kumitat tal-Għaqda Patrijotti Maltin;

6.2 Il-membri kollha tal-Kumitat tal-Għaqda Żagħżagħ Patrijotti Maltin;

6.3 Sa żewġ (2) delegati raprezentanti minn kull għaqda jew entita msieħba u affiljati mal-Moviment;

6.4 Sa tletin (25) delegat msejjħa u magħżula minn fost l-attivisti tal-Partit u tal-Għaqda.

6.5 Delegati onorarji hekk kif maħtura b'maġġoranza mill-istess konferenza;

6.6 Kandidati innominati mill-Eżekuttiv sabiex jirrapreżentaw il-Moviment f'elezzjoni kemm lokali, nazzjonali jew fuq bażi Ewropea.

6.7 Membri eletti f'isem il-Moviment kemm f'elezzjoni lokali, nazzjonali jew fuq bażi Ewropea.

7 Il-Konferenza Ġenerali titmexxa mill-President tal-Partit, li għall-finijiet tal-Konferenza jissejjaħ *chairperson*.

8 Minħabba ir-rabta speċjali li tinsab bejn il-Partit u l-Għaqda Patrijotti Maltin, sakemm jiġi deċiż mod ieħor, il-President u is-Segretarju Ġenerali tal-Għaqda se jkunu awtomatikament il-President u is-Segretarju Ġenerali tal-Partit, għaldaqstant il-ħatra tal-istess karigi ma taqax taħt dan l-istatut sa kemm mhux taħt il-kundizzjonijiet kif spjegati aktar l-isfel. Biss dan huwa dejjem taħt il-kundizzjonijiet susseġwenti:

8.1 li dawn ma jfittxux xi rwol ieħor fi ħdan il-partit;

8.2 li dawn ma jirreżenjawx mill pożizzjoni tagħhom fl-Għaqda;

8.3 li ma jkunx hemm xi impediment ieħor jew konflitt ta' interess illi ma jippermettix li xi ħadd minnhom jieħu din il-pożizzjoni;

8.4 F'każ li jiġi deċiż mod ieħor jew f'kaz ta' xi kundizzjoni kif msemmija f'artikoli 8.1, 8.2, jew 8.3, allura dawn il-kariga jew karigi in kwestjoni jaqaw taħt dan l-istatut u jiġi mħollija għall-għażla tal-Konferenza permezz ta' elezzjoni b'liema kariga jkolla perjodu effetiv ta' sentejn jew sa l-eqreb sentejn jekk tali elezzjoni tkun f'nofs il perjodu.

9 F'każ ta' bzonn ta' elezzjoni għall-ħatra tal-President tal-Partit jinħatar *chairperson ad hoc* mill-Konferenza biex imexxi minn fost il-membri tal-Amministrazzjoni tal-Partit, fejn tali persuna (a) ma jkunx ukoll qiegħed jikkontesta, u (b) jkun persuna ta' fiduċja tad-delegati li jridu japprovaw b'turija ta' idejn b'mod apert.

9.1 Iċ-*chairperson* ma jistax jivvota fuq ebda mozzjoni iżda jkollu *casting vote*. Iċ-*chairperson* ikollu vot fil-każ ta' elezzjonijiet għall-ħatriet biss.

10 F'kull Konferenza Ġenerali annwali trid tiġi maħtura u appruvata kumpanija tal-Awdituri biex isservi ta' awditur tal-finanzi tal-Partit.

11 F'kull Konferenza Ġenerali jridu jitressqu rapporti ta' ħidma mill-President, miss-Segretarju Ġenerali, mill-Mexxej, mid-Deputat Mexxej, u miss-Segretarju tal-Kumitat Eżekuttiv.

11.1 F'kaz li l-Konferenza Ġenerali tkun issejħet barra minn żmiena kif stipulat aktar il-fuq, minflok dawn ir-rapporti jrid jitressaq rapport mill interpellant li jispjega r-raġuni għala ġiet msejħa l-Konferenza u x'għanijiet jridu jintlaħqu.

11.2 F'kwalunkwe każ, wara tali rapport, kull delegat tal-Konferenza għandu dritt jitlob kjarifika fuq dak li ġie rrapurtat mill ħin allokat mill-President.

11.3 Bl-istess mod, kull delegat tal-Konferenza għandu ukoll dritt jitlob spjegazzjoni ta' aġir minn kull membru tal-Partit li jokkupa kariga fi kwalunkwe rwol uffiċċjali sakemm tkun saret talba uffiċċjali lill-Eżekuttiv bil-miktub sa gimgħa qabel il-Konferenza.

12 Il-Partit għandu jieħu kull miżura biex jilħaq il-mira li kull sess ikollu erbgħin fil-mija (40%) rappreżentanza fil-Konferenza Ġenerali u dan skont ir-regolamenti dwar elezzjonijiet.

13 Kull emenda f'dan l-Istatut trid tiġi approvata b'mozzjoni fejn irid jkolla l-approvazzjoni ta' ħamsin fil-mija u wieħed (50% + 1) tal-voti validi.

# KAP VI

## *EŻEKUTTIV NAZZJONALI*

1 L-Eżekuttiv Nazzjonali jkun magħmul mid-delegati maħtura kif gej:

1.1 Mexxej, Deputat Mexxej, il-President, is-Segretarju Ġenerali, is-Segretarju tal-Eżekuttiv, Amministratur Finanzjarju, u żewġ (2) uffiċjali oħra maħtura mill-Amministrazzjoni tal-Partit, sa tlett (3) membri maħtura mill-Grupp Kanditati, Kunsilliera u Parlamentari;

2 L-Eżekuttiv Nazzjonali għandhu jiltaqa' tal-inqas darba kull xagħrejn jew b'mod straordinarju kif gej:

2.1 Fuq sejħa tal-Mexxej tal-Partit;

2.2 Fuq rakommandazzjoni tal-Amministrazzjoni tal-Partit;

2.3 Qabel kull Elezzjoni Ġenerali biex jiġi approvat il-progamm elettorali; jew

2.4 Għal kull għan ieħor li jipprovdi dan l-istatut.

3 L-Eżekuttiv Nazzjonali jkun responsabbli:

3.1 mit-tmexxija tal-Partit bejn Konferenza Ġenerali u oħra;

3.2 mit-tfassil ta' strateġija għall-Partit, kollu kemm hu;

3.3 li jiżvilluppa u jmantni partit attiv f'Malta;

3.4 jassigura l-implimentazzjoni tal-għanijiet u l-prinċipji tal-Partit.;

4 L-Eżekuttiv Nazzjonali fost l-oħrajn għandu dawn id-dmirijiet:

4.1 Jieħu inizjattivi b'mod attiv fl-iżvilupp tal-politika tal-Partit;

4.2 Jieħu kull deċiżjoni meħtieġa fit-tmexxija u għad-direzzjoni ġenerali tal-Partit;

4.3 Jieħu kull pass għat-twettiq tal-politika ġenerali tal-Partit;

4.4 Ifassal u jwettaq ħidma għas-sostenn tal-appoġġ popolari għall-Partit;

4.5 Iseddaq kooperazzjoni u djalogu attiv bejn l-organi kollha fil-Partit;

4.6 Jassigura koordinazzjoni fil-ħidma tal-Partit u sostenn finanzjarju adegwat;

4.7 Jiltaqa' darba fis-sena mal-awdituri maħtura mill-Konferenza Ġenerali;

4.8 Jipprovdi għal regolamenti għat-tħaddim aħjar tal-istrutturi tal-Partit;

4.9 Jieħu l-passi kollha biex il-partit ikun rappreżentat bl-aħjar kandidati fl' Elezzjonijiet Ġenerali, u Elezzjonijiet oħra li l-Partit jażghel li jikkontesta;

4.10 Ifassal il-programmi elettorali għall-elezzjonijiet kollha li l-Partit jażghel li jikkontesta;

4.11 Jiffissa l-proċedura tad-diskussjoni matul il-Kungress;

4.12 Flimkien mal-amministrazzjoni huwa responsabbli mill-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Etika u Dixxiplina.

4.13 L-Eżekuttiv Nazzjonali għandu jagħmel l-Aġenda għal-laqgħat tal-Konferenza Ġenerali ħlief fil-każ meta l-Konferenza Ġenerali tissejjaħ wara petizzjoni mid-delegati jew tissejjaħ mill-Mexxej.

4.14 Fit-tħejjija tal-Aġenda, l-Eżekuttiv għandu jiddiskuti l-mozzjonijiet li jistgħu jitressqu għad-diskussjoni fil-Konferenza Ġenerali, inkluż mal-proponent u ssekondant.

5 L-Eżekuttiv Nazzjonali jista' jissospendi minn kull kariga kull membru tal-Eżekuttiv Nazzjonali f'każ ta' ksur tal-Kodiċi ta' Etika skont kif rakomandat mill-Amiministrazzjoni tal-Partit.

6 Membri tal-Grupp Kanditati u Parlamentari għandhom id-dritt li jattendu għal-laqgħat tal-Eżekuttiv u jistgħu jipparteċipaw fid-diskussjonijiet iżda mingħajr id-dritt tal-vot sakemm ma tkunx laqgħa tal-Eżekuttiv u tal-Grupp Kanditati, Kunsilliera u Parlamentari konġunti.

7 Il-kworum tal-Eżekuttiv Nazzjonali għandu jkun ta' tletin fil-mija u wieħed (30% + 1). Jekk sa nofs siegħa wara l-ħin mgħarraf ma jkunx hemm Kworum, il-laqgħa ssir bin-numru ta' membri preżenti jekk il-President jew fl-assenza tiegħu s-Segretarju tal-Eżekuttiv ikun tal-fehma li għandha ssir.

8 Membru li jonqos għal tliet (3) seduti konsekuttivi mingħajr ġustifikazzjoni jitlef postu mill-Eżekuttiv Nazzjonali. Tali ġustifikazzjoni għanda tintalab mis-Segretarju tal-Eżekuttiv sa saghtejn (2) qabel il-ħin avzat tal-laqgħa.

9 L-Aġenda għal-laqgħat tal-Eżekuttiv Nazzjonali ssir mis-Segretarju tal-Eżekuttiv, bi ftehim mal-Mexxej jew mal-President. L-Aġenda għandha tiġi avżata lill-membri mill-inqas tmienja u erbgħin siegħa (48) qabel il-laqgħa.
B'danakollu, laqgħat b'urġenza jistgħu jissejħu mingħajr ma jkun hemm dan l-avviz, meta dawn jiġu msejħa mill-Mexxej u jew mill-President.

10 Għandha tissejjaħ laqgħa tal-Eżekuttiv Nazzjonali fuq talba tal-Mexxej, tal-President jew ta' ħames (5) Membri tal-Grupp Kanditati, Kunsilliera u Parlamentari fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikli 14 U 15 ta' Kapitlu IX jew b'talba ta' tletin fil-mija (30%) tal-membri tal-Eżekuttiv li jressqu talba lill-President tal-Partit.

11 Il-Mexxej tal-Partit wara li jinforma l-President, jista' jsejjaħ laqgħa tal-Eżekuttiv Nazzjonali mal-Grupp Kanditati, Kunsilliera u Parlamentari.

12 L-ewwel laqgħa tal-Eżekuttiv Nazzjonali wara Elezzjoni Ġenerali għandha titlaqqa' konġuntivament mal-Grupp Kanditati, Kunsilliera u Parlamentari.

13 Is-Segretarju Ġenerali tal-Partit jista jservi ukoll ta' Segretarju tal-Eżekuttiv Nazzjonali sakemm dan ma jkollux xi kariga ulterjuri fl-istess Eżekuttiv. F'tali kaz Segretarju ieħor jigi innominat bejn il-President tal-Partit, il-Mexxej u d-Deputat Mexxej. Fi kwalunkwe każ membri mill-Grupp Kanditati, Kunsilliera u Parlamentari ma jistgħux jiġu kkunsidrati għal din il-kariga.

14 Is-Segretarju tal-Eżekuttiv Nazzjonali jwettaq dawn il-funzjonijiet:

14.1 Ikun is-Segretarju tal-Eżekuttiv Nazzjonali u jkun responsabbli għall-minuti u l-korrispondenza tagħhom;

14.2 Jassisti fl-organizzazzjoni tal-Eżekuttiv Nazzjonali;

14.3 Jassisti lill-Mexxej, Deputati Mexxej u l-President tal-Partit kif ikun minnhom mitlub;

14.4 Iwettaq kull ħidma oħra li tista' tiġi lilu mitluba mill-Amministrazzjoni jew mill-Eżekuttiv Nazzjonali.

## KAP VII

### *MEXXEJ, DEPUTAT MEXXEJ U AMMINISTRATUR FINANZJARJU*

1 Il-Moviment Patrijotti Maltin għandu jaħtar Mexxej, Deputat Mexxej u Amministratur Finanzjarju.

2 Il-Mexxej huwa l-Kap tal-Partit kif ukoll iċ-chairperson tal-Grupp Kandidati, Kunsilliera u Parlamentari.

3 Il-Mexxej tal-Partit hu responsabbli għad-direzzjoni tal-Grupp Parlamentari fil-ħidma tiegħu fil-Parlament.

4 Il-Mexxej tal-Partit jagħti d-direzzjoni ġenerali u politika lill-organi kollha tal-Partit.

5 Id-Deputat Mexxej tal-Partit iservi ta' Deputat għal-Mexxej tal-Partit u jieħu l-kariga u jkun responsabbli mill-istess xogħol u responsabbilitajiet tiegħu meta dan ikun assenti minn Malta jew ma jkunx f'pożizzjoni li jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu.

6 L-Amministratur Finanzjarju jkun responsabbli mit-tmexxija tal-finanzi tal-Partit u jkun responsabli li jżomm l-kontabilita tal-partit aġġornata. Ikun ukoll responsabli li jippreżenta t-tali kontabilita kemm lill-partit fl-organi u laqat rilevanti tal-partit kif ukoll lill-awtoritajiet kompetenti kif mitlub mil-liġi.

7 Il-Mexxej, Deputat Mexxej u Amministratur Finanzjarju jinħatru wara kull Elezzjoni Ġenerali mill-Kungress tal-Partit kif imfisser aktar l-isfel.

8 Kull membru tal-Partit hu eliġibbli biex jikkontesta għall-karigi ta' Mexxej , Deputat Mexxej jew Amministratur Finanzjarju, biss fil-każ ta' l-ewwel tnejn jekk membru elett jkun qed jzomm kariga uffiċċjali oħra kemm fl-Amministrazzjoni jew fl-Eżekuttiv Nazzjonali, dan jrid jirrenżenja min din il-pożizzjoni, liema pożizzjoni vakanti trid tintela skond kif speċifikat f'dan l-istatut.

9 Il-ħatra tal-Mexxej, Deputat Mexxej u Amministratur Finanzjarju għandha ssir kif spjegat aktar l-isfel fit-taqsima tal-ħatriet.

## KAP VIII

### *AMMINISTRAZZJONI TAL-PARTIT*

1 L-Amministrazzjoni tal-Partit għandha tkun komposta mill-:

- i. Mexxej tal-Partit
- ii. Deputat Mexxej
- iii. President tal-Partit
- iv. Segretarju Ġenerali
- v. Segretarju tal-Eżekuttiv
- vi. President tas-Sezzjoni Żagħżagħ
- vii. Żewġ Membri Ordinarji

2 L-Amministrazzjoni tal-Partit fil-ħidma tagħha hija responsabbli lejn l-Eżekuttiv Nazzjonali.

3 Id-dmirijiet tal-Amministrazzjoni tal-Partit, fost l-oħrajn, huma dawn li ġejjin:

3.1 Tkun responsabbli mill-amministrazzjoni u l-kordinazzjoni ġenerali tal-Partit;

3.2 Tesegwixxi d-deċiżjonijiet meħuda mill-Eżekuttiv Nazzjonali;

3.3 Tagħmel suġġerimenti u rakkomandazzjonijiet lill-Eżekuttiv Nazzjonali dwar:

i. fatti u sitwazzjonijiet li jista' jkollhom effetti fuq it-tkabbir tal-appoġġ popolari tal-Partit;

ii. ħidmiet ġodda;

iii. ħidma ġenerali tal-Partit.

iv. Tkun responsabbli mir-relazzjonijiet barranin tal-Partit kemm fuq livell bilaterali kif ukoll fir-rigward ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li fihom ikun imsieħeb il-Partit.

4 Torganizza l-kampanji elettorali fl-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali, għall-Parlament Ewropew u l-Elezzjoni Ġenerali;

5 Tgħin fl-għażla tal-aġenti elettorali tal-kandidati fl-elezzjonijet imsemmija fl-artiklu preċedenti.

6 Flimkien mal-Eżekuttiv Nazzjonali tkun responsabbli mill-osservanza tal-Kodiċi ta' Etika u Dixxiplina u dan billi l-Amministrazzjoni tista' tieħu dawk il-passi kollha neċessarji biex tiżgura d-dixxiplina fl-istrutturi kollha tal-Partit skont l-istess Kodiċi.

7 Taqdi kwalunkwe' dmir li jiġi mogħti lilha mill-Eżekuttiv Nazzjonali.

8 Dmirijiet tal-Uffiċjali tal-Amministrazzjoni:

8.1 Id-dmirijiet tal-President huma:

i. Jippresjedi l-laqgħat tal-Amministrazzjoni u tal-Eżekuttiv Nazzjonali;

ii. Jara li l-Istatut tal-Partit jiġi osservat u applikat mill-organi u mill-fergħat tal-Partit;

iii. Iżomm reġistru tad-deċiżjonijiet li jingħataw dwar l-interpretazzjoni tall-istatut liema deċiżjonijiet joħolqu preċedent li jorbot. Dawn id-deċiżjonijiet għandhom ikunu komunikati lill-istruttruri tal-Partit konċernati;

iv. Jagħti rendikont ta' ħidma, f'isem l-Amministrazzjoni tal-Partit, lill-Eżekuttiv Nazzjonali u f'isem l-Eżekuttiv Nazzjonali lill-Konferenza Ġenerali Annwali;

v. Iressaq ir-rapport finanzjarju fil-Konferenza Ġenerali Annwali, imħejji mill-Amministratur Finanzjarju;

vi. Li flimkien mas-Segretarju Ġenerali għandu d-dmir li jara li jittieħdu l-passi kollha meħtieġa u li jiġu attwati d-deċiżjonijiet tal-Amminstrazzjoni, l-Eżekuttiv Nazzjonali u tal-Konferenza Ġenerali u l-istrutturi tal-Partit;

vii. Li jaqdi dawk id-dmirijiet l-oħra msemmija f'dan l-istatut u li jistgħu jiġu delegati lilu mill-Mexxej, Deputati Mexxej, Amministrazzjoni u Eżekuttiv Nazzjonali.

8.2 Il-President meta jkun qiegħed jippresjedi l-laqgħa tal-Amministrazzjoni, jista' jagħti l-vot oriġinali fuq kull suġġett li jkun ġie għal votazzjoni, u fil-każ fejn il-voti jiġu ndaqs jista' jagħti l-*casting vote* anki jekk ikun eżerċita l-vot oriġinali.

8.3 Id-dmirijiet tas-Segretarju Ġenerali jkunu dawn l-ġejjin:

i. ikun responsabbli mid-dmirijiet tal-President meta dan ikun assenti jew indispost;

ii. Li jkun responsabbli mir-relazzjonijiet barranin tal-Partit kemm fuq livell bilaterali kif ukoll fir-rigward ta' Organizzazzjonijiet Internazzjonali li fihom ikun imsieħeb il-Partit;

iii. Li jikkordina Segretarjat Internazzjonali għar-riċerka u aġġornament fir-relazzjonijiet internazzjonali, Ewropej u Mediterranji;

iv. Li jressaq Rapport ta' Hidma mwettaq fil-qasam internazzjonali lill-Konferenza Ġenerali. Li jressaq Rapport ta' Hidma mwettaq mil-Amministrazzjoni lill-Konferenza Ġenerali;
v. Li jieħu dawk il-passi kollha meħtieġa fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet organizzati mill-Partit u dan skont dawk l-istruzzjonijiet li jingħatawlu minn żmien għall-żmien mill-Mexxej, Deputat Mexxej, President, Amministrazzjoni jew Eżekuttiv Nazzjonali tal-Partit;
vi. Ikun is-Segretarju tal-Amministrazzjoni u tal-Konferenza Ġenerali, joħroġ l-aġenda għal-laqat kif jmiss, u jkun responsabbli għall-minuti, u l-korrispondenza tagħhom.

# KAP IX

## *GRUPP KANDITATI, KUNSILLIERA U PARLAMENTARI*

1 Kull min jiġi aċċettat mill-Eżekuttiv bħala Kandidat Prospettiv tal-Partit jew għal-Kunsilli Lokali isir awtomatikament Membru tal-Grupp Kanditati.
2 Kull Kandidat li jiġi elett fil-Kunsilli Lokali f'isem il-Partit isir awtomatikament Membru tal-Grupp Kunsilliera.
3 Bl-istess mod, kull min jiġi elett fil-Parlament Lokali, Ewropej f'isem il-Partit isir awtomatikament Membru tal-Grupp Parlamentari.
4 Dan sakemm tali membru:
4.1 ma jergax ikun elett fl-elezzjoni; jew
4.2 ma jiġix imkeċċi mill-Grupp b'deċiżjoni tal-Grupp Parlamentari u tal-Eżekuttiv Nazzjonali f'laqgħa msejħa apposta.
5 Il-Grupp jista jiltaqa b'mod komplet fejn jinkludi kemm il-Kandidati Prospettivi, kemm il-Kunsilliera u il-Membri Eletti u kemm b'mod ristrett fejn jinkludi wieħed jew aktar minn dawn tal-aħħar biss skond il-ħtieġa fuq deċiżjoni tal-Mexxej.
6 Id-Deputat Mexxej jservi ukoll ta' Segretarju tal-Grupp
7 Il-Grupp, darba fis-sena, jaħtar minn fost il-Membri tiegħu il-Whip, Kaxxier u jagħżel sa tlett (3) Membri minn fost il-Grupp Parlamentari u sa żewġ (2) Membri minn fost il-Kunsilliera biex ikunu Membri Ordinarji tal-Eżekuttiv Nazzjonali.
8 Huwa d-dmir tal-Membri Parlamentari l-oħrajn kollha li jattendu l-laqgħat tal-Eżekuttiv Nazzjonali u li jieħdu parti fid-diskussjonijiet;
9 Il-votazzjoni għat-ħames Membri għall-Eżekuttiv Nazzjonali mill gruppi rispettivi issir b'votazzjoni sigrieta.
10 Il-Grupp Parlamentari, Kunsilliera u jew Kandidati għandu jiltaqa' skont il-ħtieġa fejn id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'maġġoranza sempliċi.
11 Il-Mexxej, bħala chairman tal-Grupp Parlamentari, għandu d-dritt li jivvota u jkollu l-*casting vote* f'każ ta' voti indaqs.
12 Is-Segretarju Generali tal-Partit u l-President għandhom il-jedd li jattendu għal-laqgħat tal-Grupp Kandidati, Kunsilliera u Parlamentari u jipparteċipaw fid-diskussjonijiet, pero` m'għandhomx il-jedd għall-vot f'dan il-Grupp. Il-Grupp jista' jistieden għal-laqgħat tiegħu, uffiċjali oħra tal-Partit u/jew persuni oħra bħala osservaturi jew biex jassistuh fil-ħidma tiegħu.
13 Dawn il-laqgħat jiġu msejħa b'arranġament bejn il-Mexxej u l-Whip tal-Partit.

14 Il-Membri Parlamentari jew Eletti għandhom jagħmlu l-kontribuzzjoni ta' kull xahar għall-fondi tal-Partit skont kif jiddeċiedi l-Eżekuttiv Nazzjonali. Fit-tali kontribuzzjoni jkun inkluż il-ħlas tas-sħubija fil-Partit.

15 F'każ ta' differenzi serji, il-kwistjoni tiġi mressqa quddiem l-Eżekuttiv Nazzjonali bi dritt għall-appell lill-Konferenza Ġenerali. Jekk ma jkunx hemm żmien biżżejjed biex issir dan, il-Membri kollha jridu jivvotaw skont kif jaqta' l-Mexxej u l-kwistjoni tiġi mistħarġa wara.

16 Meta fil-Parlament jinqalgħu kwistjonijiet li jitolbu deċiżjonijiet fil-mument, il-Membri tal-Parlament għandhom joqogħdu għad-deċiżjonijiet li jagħti l-Mexxej u fl-assenza tiegħu d-Deputat Mexxej. Il-Membri tal-Parlament li ma jaqblux mad-deċizjonijiet tal-Mexxej jistgħu jressqu l-kwistjoni quddiem l-Eżekuttiv Nazzjonali biex dan jieħu l-passi meħtieġa.

17 Il-Mexxej fi kwistjonijiet li jiddeċiedi li ma jkunux ta' prinċipji, jista' jagħti vot liberu.

18 Il-Whip huwa obbligat jirraporta lill-Eżekuttiv Nazzjonali kull ksur jew nuqqas ta' dixxiplina mill-Membri Parlamentari jew Kunsilliera sabiex dan l-Eżekuttiv Nazzjonali jkun jista' jieħu l-passi meħtiega.

# KAP X

## *REGOLAMENTI GĦAL WAQT IL-VOTAZZJONI:*

### Il-Mexxej, Deputat Mexxej u Amministratur Finanzjarju

1 L-Amministrazzjoni tal-Partit tilqa' nominazzjonijiet minn fost il-membri kollha tal-Partit, liema nominazzjonijiet jiftħu għaxart' ijiem qabel u jagħlqu ħamest' ijiem qabel id-data tal-elezzjoni li tkun magħżula mill-Eżekuttiv Nazzjonali.

2 Il-Membri kolla tal-Partit jistgħu jkunu elegibli għal dawn il-karigi sa kemm tali membru:

2.1.1 ma jkunx impjegat dirett tal-Partit jew ta xi affiljazzjoni tiegħu;

2.1.2 ma jkunx nstab ħati ta' xi ksur ta' kwalunkwe regola tal-Partit mill bord ta' dixxiplina u etika tal-Partit fl-aħħar sentejn (2) qabel id-data tal-egħluq tan-nominazzjonijiet.

3 Il-proponent u s-sekondant iridu jkunu delegati tal-Konferenza Ġenerali.

4 Kull nomina trid tkun iffirmata mill-Proponent u s-Sekondant u mill-membru propost u dawn għandhom ikunu regolari fil-ħlas tas-sħubija.

5 Fil-każ ta' konferma tal-Mexxejja wara Elezzjoni Ġenerali, il-Mexxeja preżenti jiġu ikkunsidrati bħala nnominati awtomatikament sakemm dawn ma jesprimux illi ma jixtiequx jippreżentaw rwieħhom għal-kontinwazzjoni f'dan ir-rwol.

6 Għall-Elezzjoni għanda titlaqqa l-Konferenza Ġenerali tal-Partit fejn id-Delegati jridu jkunu magħrfa bin-nomini aċċettati għal karigi rispettivi. Għal Konferenza għandhom jipparteċipaw dawk kollha elegibbli skont dan l-Istatut.

7 F'każ illi jkun hemm biss kandidatura waħda għall xi rwol, dan jiġi meqjus bħala awto-elett fil-kariga rispettiva sakemm ma jintalabx vot ta' fiduċja minn kwalunkwe delegat. F'tali każ b'vot sigriet il-Kandidat jrid jiġi approvat mill-anqas ħamsin fil-mija u wieħed (50% + 1) tal-voti validi u f'każ li dan ma jintlaħaqx il-President jrid jxolji l-laqa għal perjodu raġonevoli sabiex jintalbu aktar nomini għal kariga risspettiva.

8 Waqt il-Konferenza, dejjem jekk jkun intlaħaq il-kworum, jekk in-numru ta' kandidati għal kariga ta' Mexxej jkun ta' aktar minn tnejn (2), għandha issir votazzjoni sigrieta fejn il-kandidat bl-anqas numru ta' voti jiġi eliminat u jerġa jittieħed vot sakemm jifdal biss żewġ kandidati jew sakemm kanditat minnhom ma jirċeviex ħamsin fil-mija u wieħed (50% + 1) tal-voti validi f'liema każ ikun ikkunsidrat elett.

9 Meta jkun fadal żewġ kandidati, il-President għandu jistedinhom jindirizzaw il-Konferenza f'diskors qasir ta' mhux aktar minn ħmistax (15) il-minuta kull wieħed.

10 Wara pawża ta' riflessjoni kif deċiża mill-President, għanda ssir l-aħħar votazzjoni fejn il-Kandidat li jġib l-aktar voti u sakemm dan jgib mill-anqas ħamsin fil-mija u wieħed (50% + 1) tal-voti validi jigi dikjarat bħala Mexxej tal-Partit. Fil-każ li ma jintlaħaqx dan ir-riżultat, il-President għandu jipposponi l-laqa għal jum ieħor li jrid jkun bejn jumejn (2) u sebat' ijiem (7) minn dakinhar.

11 Wara li jinagħzel il-Mexxej, il-Konferenza għanda tipproċedi għal ħatra tad-Deputat Mexxej u tal- Amministratur Finanzjarju bl-istess manjiera. Biss kull kandidat illi ikkontesta għal-pożizzjoni ta' Mexxej u ma ġiex elett jiġi mistoqsi jekk jixtieqx jikkontesta għal pożizzjoni ta' Deputat Mexxej. Jekk iva, tali kandidati jiġu meqjusa wkoll bħala kontestanti għal ħatra tad-Deputat Mexxej flimkien ma dawk li jkunu ssottomettew rwieħhom għal din il-kariga.

12 L-elezzjoni kemm għal-Deputat Mexxej kif ukoll għal-Amministratur Finanzjarju tipprocedi bl-istess manjiera tal-għażla tal-Mexxej bid-differenza li ma jsirx l-indirizz lejn il-konferenza u li l-kandidat li jġib l-akbar numru ta' voti minn fost l-aħħar żewġ kandidati irrispettivament minn numru tal-voti validi jigi dikjarat rebbiegħ.

13 Kanditat li jigi elett bħala Mexxej, Deputat Mexxej jew Amministratur Finanzjarju li jkollu diġa xi kariga uffiċjali oħra kemm fl-Amministrazzjoni jew fl-Eżekuttiv Nazzjonali jiġi meqjus bħala li rrezenja awtomatikament mit-tali kariga li imbagħad tiġi dikjarata vakanti u tiġi mimlija kif spjegat f'dan l-istess statut għal dik il-kariga risspettiva.

## Il-President u s-Segretarju Ġenerali

1 Bħal ma gie spjegat aktar l-fuq, ir-rwol ta' President u ta' Segretarju Ġenerali tal-Partit se jkunu il-President u s-Segretarju Ġenerali ta' l-Għaqda Patrijotti Maltin illi awtomatikament jieħdu il-kariga risspettiva fi ħdan il-Partit sa kemm dawn jżommu il-kariga rispettiva tagħhom fi ħdan l-Għaqda. Biss kif spjegat ukoll, jekk xi ħadd minn dawn jagħzel li jieħu xi kariga ulterjuri fi ħdan il-Partit jew minħabba xi konflitt ta' interess li jista jiġi mqajjem fl'Amministrazzjoni tal-Partit, f'tali każ dak ir-rwol rispettiv jiġi vakat u jiġi mimli permezz ta' elezzjoni kif gej:

1.1 L-Amministrazzjoni tal-Partit tilqa' nominazzjonijiet minn fost il-membri kollha tal-Partit, liema nominazzjonijiet jiftħu għaxart' ijiem qabel u jagħlqu ħamest' ijiem qabel id-data tal-elezzjoni li tkun magħżula mill-istess Amministrazzjoni.

1.2 Il-Membri kolla tal-Partit jistgħu jkunu elegibli għal dawn il-karigi sa kemm tali membru:

1.2.1 ma jkunx Membru fil grupp tal-Kandidati u Membri Parlamentari;

1.2.2 ma jkunx diġa f'xi kariga uffiċjali oħra kemm fl-Amministrazzjoni jew fl-Eżekuttiv Nazzjonali sakemm ma jkunx biss Membru ordinarju fihom;

1.2.3 ma jkunx impjegat dirett tal-Partit jew ta xi affiljazzjoni tiegħu;

1.2.4 ma jkunx nstab ħati ta xi ksur ta' kwalunkwe regola tal-Partit mill bord ta' dixxiplina u etika tal-Partit fl-aħħar sentejn (2) qabel id-data tal-egħluq tan-nominazzjonijiet.

2 L-andament tal-Elezzjoni tal-President u tas-Segretarju Ġenerali tal-Partit għandhom jsegwu l-istess andament tal-ħatra tal-Mexxej u Deputat Mexxej rispettivament kif spjegat aktar il-fuq f'dan il-Kapitlu.

3 F'każ li ir-rwol ta' President jew ta' Segretarju Ġenerali tal-Partit jiġi mimli b'rizultat ta' elezzjoni, dak ir-rwol rispettiv jkollu termini sa l-eqreb elezzjoni tal-Mexxej tal-Partit. Fi tmiem il-kariga dan l-istess rwol għandu jerġa jiġi mogħddi lill rwol rispettiv tal-Għaqda Patrijotti Maltin jekk l-impediment ta' dan ta' lahħar ma jkunx għadu validu. F'każ li xi impediment jkun għadu validu, allura ir-rwol rispettiv jerġa jintela permezz ta' Elezzjoni għal perjodu successiv.

# KAP XI

## *KODIĊI TA' ETIKA U DIXXIPLINA*

1. L-Eżekuttiv Nazzjonali għandu jfassal u jippubblika Kodiċi ta' Etika u Dixxiplina li jorbot lil kull membru tal-Partit.
2. Il-Kodiċi ta' Etika u Dixxiplina għandu jservi biex dawk kollha li jagħtu servizz u ħidma fi ħdan il-Partit, jagħtuh bl-aħjar mod possibbli.
3. Il-Kodiċi jista' jiġi rivedut mill-Eżekuttiv Nazzjonali bi qbil mal-Amministrazzjoni tal-Partit.
4. Il-Kodiċi għandu jistabbilixxi dawk il-proċeduri kollha meħtieġa għall-applikazzjoni tiegħu fost il-membri tal-Partit u l-istrutturi kollha tiegħu.
5. Meta Membru jitressaq quddiem l-bord tal-Etika u Dixxiplina, dan għandu jiġi avżat bil miktub u għandu jingħata d-dritt li jirrispondi bil miktub lill bord sabiex jispjega u jiċċara l-pożizzjoni tiegħu sa ħmistax (15) il-gurnata mid-data tal-avviż. Jekk issir, il-bord irid jevalwa tali risposta u jiddetermina jekk għandux jitkompla jew jitwaqqa il-każ u għandu javża lill-membru kkonċernat bid-deċiżjoni bil-miktub sa seba (7) t'ijiem mid-data tat-tali risposta.
6. Jekk il-bord jagħżel li jipproċedi fuq xi każ, il-membru kkonċernat għandu jingħata mhux anqas minn xagħar sabiex jipprepara id-difiża tiegħu u f'kwalunkwe smieħ sussegwenti tal-każ għandu d-dritt li jidher fil-preżenza ta' avukat jew raprezentant ta' l-għażla tiegħu.
7. Wara s-smiegħ tal-każ li jista jsir fuq diversi seduti skond kif determinat miċ-ċirkostanzi, il-bord jrid jiddetermina l-każ permezz ta' vot b'maġġoranza sempliċi. F'każ ta' ħtija, l-bord irid jiddetermina x'passi iridu jittieħdu fuq il-membru kkonċernat skond il-kodiċi tal-Etika u Dixxiplina u irid javża lill-membru bil-miktub sa mhux anqas minn seba (7) t'ijiem mid-data tad-deċiżjoni.
8. F'każ li membru jiġi ppenalizżat b'sospensjoni mill-partit jew minn kariga jew bi tkeċċija mill-Partit, dan jista jappella d-deċizjoni tal Bord sa seba (7) t'ijiem mid-data ta' tali avviż. Jekk isir appell, dan irid jibda jinstema f'mhux aktar minn xagħar mid-data tat-talba. Id-deċiżjoni tal-appell tkun finali.

# KAP XII

## *XOLJIMENT TAL-PARTIT*

1 Ix-Xoljiment tal-Partit jista jigi mitlub mill-mexxej tal-Partit, mill-President tal-Partit, jew minn tlett (3) membri tal-Ezekuttiv Nazzjonali flimkien ma tlett (3) membri tal-Amministrazzjoni tal-Partit (fejn dawn tal-aħħar iridu jkunu diversi minn dawk tal-ewwel). Tali talba trid tiġi ndirizzata lis-Segretarju tal-Ezekuttiv, fejn dan jrid min-naħa tiegħu javża kemm lill-Mexxej u kemm il-President tal-Partit f'mhux inqas minn 24 siegħa (sakemm dawn tal-aħħar ma' jkunux fost l-interpellanti). Din it-talba trid

diskussa f'laqa konġunta tal-Eżekuttiv flimkien mal- Amministrazzjoni tal-Partit, liema laqa trid tiġi msejħa f'mhux anqas minn xagħar mid-data tat-talba.

2 F'din il-laqa l-persuna jew persuni li jkunu ressqu t-talba jridu jindirrizzaw il-laqa fejn iridu jispjegaw ir-raġunijiet tal-istess talba. Wara dan jista jintervjeni kwalunkwe membru f'diskussjoni aperta li tista titwal skont il-bżonn bid-diskrezzjoni tas-Segratarju tal-Eżekuttiv fejn dan tal-aħħar jista wkoll jzomm il-laqa fuq diversi jiem jekk jkun hemm il-bżonn. Fl-aħħar tal-interventi jittieħed vot apert permezz tat-turija tal-idejn. Id-deċiżjoni tax-xoljiment tal-Partit trid iġġib mhux anqas minn żewġ-terzi tal-membri kolla taż-żewg gruppi konġunti irrispetivament minn-numru ta' membri preżenti waqt il-vot.

3 F'kaz li tittieħed id-deċiżjoni li l-Partit jiġi xolt, is-Segretarju jrid fi żmien gimgħa mid-data tal-vot jieħu ħsieb li: (i) javża l-organi kolla tal-Partit li minn naħa tagħhom iridu ixolju lilhom infushom, (ii) javża l-membri tteserati kolla tal-Partit, (iii) javża l-Kummissjoni Elettorali skond il-proċedura mitluba mill-istess Kummissjoni, u (iv) javża lill awdituri uffiċjali tal-Partit sabiex jibdew *audit* tal-finanzi u l-assi tal-Partit.

4 Il-finanzi u l-assi kolla tal-Partit kif deskritti u nnutati mill-*audit* msemmi hawn fuq jiġu mogħdijja lill-Għaqda Patrijotti Maltin bħala l-għaqda fundatriċi ta' dan il-Partit. L-Għaqda minn naħa tagħha u bid-diskrezzjoni tagħha tista mbad tagħżel li: (a) iżżomm xi fondi jew assi għall-Għaqda, jew (b) tirritorna xi fondi jew assi li xi donatur jekk dan tal-aħħar jkun għamel tali talba f'dan ir-rigward, jew (c) tillikwida l-assi jew xi assi u tagħddi l-fondi tagħhom lill xi għaqda jew organizazzjoni filantropika tal-għażla tagħha.

# KAP XIII

## *ĠENERALI*

1. Meta tinqala' xi kwistjoni li dwarha dan l-Istatut ma jsemmi xejn, din għandha tiġi deċiża mill-maġġoranza tal-membri preżenti jew mill-Konferenza Ġenerali kif ukoll fl-Eżekuttiv Nazzjonali jew mill-Amministrazzjoni tal-Partit. Tali Deċiżjoni għanda torbot lil-organi kollha tal-Partit.
2. L-interpretazzjoni ta' dan l-Istatut, fejn dan mhux ċar, jagħtiha l-President fl-Amministrazzjoni tal-Partit u fl-Eżekuttiv Nazzjonali, u ċ-Chairman fil-Konferenza Ġenerali, skont liema laqgħa tkun.
3. Is-sena Amministrattiva/Finanzjajra tal-Partit tibda fl-1 ta' Jannar.
4. Ir-rappreżentanza ġuridika tal-Partit tkun vestita fi tnejn minn dawn: Mexxej, President tal-Partit, Segretarju Ġenerali u l-Amministratur Finanzjarju.
5. L-Amministrazzjoni tal-Partit tista' taħtar wieħed jew aktar, mill-Uffiċjali l-oħra tal-Partit, jew mill-Membri tal-Eżekuttiv Nazzjonali, biex jidhru bħala rappreżentanza tal-Partit fi proċeduri ġudizzjarji, fuq xi kuntratt, kitba, skrittura jew affarijiet oħra. Il-formazzjoni u procedure tal-bord tal-Etika.
6. Sakemm ma jkunx imfisser mod ieħor, kull kelma fil-maskil f'dan l-Istatut għandha titqies li tirreferi għal femminil ukoll.
7. Il-Moviment Patrijotti Maltin huwa persuna ġuridika waħda u l-Kumitati, Gruppi ta' Amministrazzjoni u l-Fergħat huma parti integrali minn din il-persuna ġuridika u għandha topera skont dan l-Istatut.